32005R0860

8.6.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 144/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 860/2005

tat-30 ta' Mejju 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 27/2005, fir-rigward ta' l-opportunitajiet ta' sajd fl-ibħra tal-Groenlandja, tal-Gżejjer Faroe u ta' l-Islanda u s-sajd għall-merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2270/2004, fir-rigward ta' l-opportunitajiet ta' sajd għall-kelb il-baħar tal-fond u r-roundnose grenadier

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd taħt il-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2004 tas-26 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru ta' ħażniet tal-merluzz [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 27/2005 [3] jiffissa għall-2005 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ibħra Komunitarji u, għall-bastimenti Komunitarji, fl-ibħra fejn huma meħtieġa limitazzjonijiet fuq il-qabda.

(2) Jeħtieġ li jiġu kkoreġuti ċerti żbalji ta' kalkolu li seħħew meta ġew allokati l-kwoti lill-Istati Membri għal ċerti speċi.

(3) Bil-ħsieb li jiġi mtejjeb il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq konsulenza xjentifika soda u fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli, l-istess kondizzjonijiet għandhom japplikaw għall-bastimenti tal-KE biex jirrapportaw qabdiet ta' speċi li mhumiex fil-kwota fl-ibħra tal-KE billi jinqasmu skond l-ispeċi għal kull żona.

(4) Skond il-proċedura prevista fil-Ftehim dwar is-sajd u l-ambjent tal-baħar bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda [4], il-Komunità għamlet konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tas-sajd għall-2005 ma' l-Islanda. Ir-riżultat tal-konsultazzjonijiet għandu jiġi nkorporat fir-Regolament (KE) Nru 27/2005.

(5) L-awtoritajiet tal-Groenlandja innotifikaw lill-Kummissjoni li l-Komunità għandha aċċess għal 1 000 tunnellata ta' *snow crab* fl-ibħra tal-Groenlandja. Ġie miftiehem wkoll ma' l-awtoritajiet tal-Groenlandja li jista' jsir sajd fuq il-kwota sħiħa ta' *skorfon* fiż-żoni V u XIV permezz ta' xibka tat-tkarkir pelaġika.

(6) Deher li l-allokazzjoni ta' iktar ġranet ta' sajd kull xahar kalendarju fil-Baħar tat-Tramuntana għal bastimenti li qed jistadu b'tagħmir irmunkat bi twieqi ta' malja kwadra ta' daqs ta' 120 mm jistgħu jipperikolaw l-irkupru tal-merluzz u jmorru kontra l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 423/2004. Il-Baħar tat-Tramuntana għandu għalhekk jiġi mħassar mill-lista ta' żoni li għalihom dik l-allokazzjoni ta' granet supplimentarji hija applikabbli. Ikun xieraq ukoll li jiġu ċċarati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-tieqa tal-malja kwadra ta' 120 mm.

(7) L-opportunitajiet ta' sajd għal kelb il-baħar tal-fond fis-subżona ICES X (ibħra Komunitarji u ibħra internazzjonali) għandhom jiżdiedu għal 120 tunnellata biex b'hekk jippermettu li l-kelb il-baħar tal-fond li bħala qabdiet aċċessorji inevitabbli jittieħed f' industriji tas-sajd oħra jiġi mtella.

(8) Ir-regoli dwar l-interazzjonijiet ta' sajd bejn żoni definiti fl-Anness IVa u l-Anness IVċ għar-Regolament (KE) Nru 27/2005 m' għandhomx jipprevjenu bastiment milli juża n-numru massimu ta' jiem disponibbli fl-Anness IVa. Dawk ir-regoli għandhom għalhekk jiġu emendati.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 2270/2004 [5] jiffissa għall-2005 u l-2006 l-opportunitajiet tas-sajd għal bastimenti Komunitarji tas-sajd għal ċerti ħażniet ta' ħut tal-baħar fond.

[1] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
[2] ĠU L 70, 9.3.2004, p. 8.
[3] ĠU L 12, 14.1.2005, p. 1.
[4] ĠU L 161, 2.7.1993, p. 2.
[5] ĠU L 396, 31.12.2004, p. 4.

(10) L-opportunitajiet ta' sajd għar-*roundnose grenadier* fid-diviżjoni ICES Vb, sub-żoni VI u VII (ibħra Komunitarji u ibħra internazzjonali) ma ġewx ikkalkolati b'mod xieraq fir-Regolament (KE) Nru 2270/2004 u għandhom jiġu korretti.

(11) Sabiex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda Komunitarji, huwa importanti li dan is-sajd jinfetaħ malajr kemm jista' jkun. Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, huwa imperattiv li tingħata eċċezzjoni għall-perijodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fil-paragrafu I(3) tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej.

(12) Ir-Regolamenti (KE) Nru 27/2005 u (KE) Nru 2270/2004 għandhom għalhekk jiġu emendati għaldaqstant,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 27/2005

Ir-Regolament (KE) Nru. 27/2005 qiegħed hawn jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 5(2) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Il-bastimenti Komunitarji huma b'dan awtorizzati jagħmlu qabdiet, fi ħdan il-limiti tal-kwota mniżżla fl-Anness I, fl-ibħra li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tas-sajd tal-Gżejjer Faroe, il-Groenlandja, l-Islanda u n-Norveġja, u ż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen, bla ħsara għall-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikoli 9, 16 u 17."

(2) Is-sub-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 9:

"Sajd permezz ta' bastimenti Komunitarji fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Islanda għandhom jiġu limitati għaż-żona definita mil-linji dritti li jikkollegaw b'mod sekwenzjali il-koordinati li ġejjin:

Żona tal-Lbiċ

1. 63° 12'T u 23° 05'P minn 62° 00'N u 26° 00'P,
2. 62° 58'T u 22° 25'P,
3. 63° 06'T u 21° 30'P,
4. 63° 03'T u 21° 00'P minn hemm 180° 00'N;

Żona tax-Xlokk

1. 63° 14'T u 10° 40'P,
2. 63° 14'T u 11° 23'P,
3. 63° 35'T u 12° 21'P,
4. 64° 00'T u 12° 30'P,
5. 63° 53'T u 13° 30'P,
6. 63° 36'T u 14° 30'P,
7. 63° 10'T u 17° 00'P u minn hemm 180° 00'n."

(3) L-Annessi IB, IC, ID, IVa, IVċ u VI għandhom jiġu emendati skond l-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 2270/2004

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2270/2004 għandu jiġi emendat skond l-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak li fih ikun ġie pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Mejju 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
F. BODEN

ANNESS I

L-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 27/2005 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness IB:

(a) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Molva fiż-żona III (ibħra Komunutarji u ibħra internazzjonali) hija mibdula b'dan li ġej:

"Speċi: Ling *Molva molva*	**Żona:** III (ibħra Komunitarji u ibħra nazzjonali)
Belġju	10 (1)
Danimarka	76
Ġermanja	10
Svezja	30
Renju Unit	10 (1)
KE	136

(1) Is-sajd ma jistax isir fid-Diviżjoni 3 IIIb, ċ, d."

(b) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Gamblu tat-Tramuntana fiż-żona IIa (ibħra tal-KE), IV (ibħra tal-KE) hija mibdula b'dan li ġej:

"Speċi: Gamblu tat-tramuntana *Pandalus borealis*	**Żona:** IIa (ibħra tal-KE), IV (ibħra tal-KE) PRA/2AC4-C
Danimarka	3 700
Olanda	35
Svezja	149
Renju Unit	1 096
KE	4 980
TAC	4 980

TAC ta' prekawzjoni fejn japplikaw l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96."

(ċ) L-iskrizzjoni dwar il-"Kwota Kombinata" fiż-żona ta' l-ibħra tal-KE taż-żoni Vb, VI, VII hija mibdula b'dan li ġej:

"Speċi: Kwota kombinata	**Żona:** Ibħra tal-KE taż-żoni Vb, VI, VII R/G/5B67-C
KE	Mhux rilevanti
Norveġja	600 (1)
TAC	Mhux rilevanti

(1) Meħuda b'lenzi twal biss, inklużi *rat tails, mora mora* u *greater fork beard*."

(d) L-iskrizzjoni dwar "Speċi Oħra" fiż-żona ta' l-ibħra tal-KE taż-żoni IIa, IV, IVa fit-tramuntana ta' 56° 30'N hija mibdula b'dan li ġej:

"Speċi: Speċi oħra	**Żona:** Ibħra tal-KE taż-żoni IIa, IV, VIa tramuntana ta' 56° 30'T OTH/2A46AN
EC	Not relevant
Norveġja	4 720 (1)
Gżejjer Faroe	400 (2)
TAC	Mhux rilevanti

(1) Limitat għal IIa u IV. Jinkludi sajd mhux imsemmi b'mod speċifiku.
(2) Limitat għal qbid aċċessorju ta' *whitefish* fi IV u Via."

(2) Fl-Anness IĊ:

(a) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi *Snow crab* fiż-żona NAFO 0,1 (ibħra tal-Groenlandja) hija mibdula b'dan li ġej:

"Speċi: Snow crab *Chionoecetes* spp.		**Żona:** NAFO 0, 1 (ibħra tal-Groenlandja) PCR/N01GRN
Irlanda	125	
Spanja	875	
KE	1 000	
TAC	Mhux rilevanti	TAC ta' prekawzjoni fejn ma japplikawx l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96"

(b) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi kapelin fiż-żona V, XIV (ibħra tal-Groenlandja) hija mibdula b'dan li ġej:

"Speċi: Kapelin *Mallotus villosus*		**Żona:** V, XIV (ibħra tal-Groenlandja) CAP/514GRN
Stati Membri kollha	0	
KE	50 050 (1) (2)	
TAC	Mhux rilevanti	

(1) Li minnhom 45 930 tunnellata huma allokati lill-Islanda.
(2) Is-sajd għandu jsir qabel it-30 ta' April 2005."

(ċ) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi ta' skorfon fiż-żona V, XIV (ibħra tal-Groenlandja) hija mibdula bl-iskrizzjonijiet li ġejjin:

"Speċi: Skorfon *Sebastes* spp.		**Żona:** V, XIV (ibħra tal-Groenlandja) RED/514GRN
Ġermanja	11 794 (4)	
Franza	60 (4)	
Renju Unit	84 (4)	
KE	15 938 (1) (2) (3) (4)	
TAC	Mhux rilevanti	L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikawx.

(1) Is-sajd jista' jsir permezz ta' xibka tat-tkarkir pelaġika. Il-qabdiet minn sajd permezz ta' *bottom trawl* u dawk minn sajd permezz ta' xibka tat-tkarkir pelaġika għandhom jiġu rrappurtati separatament. Is-sajd jista' jsir fil-Lvant jew fil-Punent.
(2) Is-sajd ta' 3 500 tunnellata b'xibka tat-tkarkir pelaġika huma allokati lin-Norveġja.
(3) 500 tunnellata huma allokati lill-Gżejjer Faroe. Il-qabdiet minn sajd permezz ta' xibka tat-tkarkir tal-qiegħ u dawk minn sajd permezz ta' xibka tat-tkarkir pelaġika għandhom jiġu rrappurtati separatament.
(4) Kwota proviżjorja, sakemm jaslu l-konklużjonijiet tal-konsultazzjonijiet dwar is-sajd mad-Danimarka (f'isem il-Gżejjer Faroe u l-Groenlandja) għall-2005.

Speċi: Skorfon Sebastes spp		**Żona:** Va (ibħra ta' l-Islanda) RED/05A-IS
Belġju	100 (1) (2)	
Ġermanja	1 690 (1) (2)	
Franza	50 (1) (2)	
Renju Unit	1 160 (1) (2)	
KE	3 000 (1) (2)	
TAC	Mhux rilevanti	

(1) Inklużi qabdiet aċċessorji inevitabbli (merluzz mhux permess).
(2) Is-sajd jista' jsir bejn Lulju u Diċembru."

(3) Fl-Anness ID, l-iskrizzjoni dwar l-ispeċi *white Hake* fiż-żona NAFO 3NO hija mibdula b'dan li ġej:

"Speċi: White hake *Urophycis tenuis*		**Żona:** NAFO 3NO HKW/N3NO.
Spanja	2 165	
Portugall	2 835	
KE	5 000	
TAC	8 500	L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikawx."

(4) Fl-Anness IVa:

(a) It-Tabella II hija mibdula b'dan li ġej:

"Tabella II — Derogi minn jiem preżenti fi ħdan iż-żona u assenti mill-port fit-Tabella I u kondizzjonijiet assoċjati

Żona	Tagħmir definit fil-punt:	2002 *track record* ta' bastiment (*)	Jiem
Żona definita fil-punt 2:	4(a), 4(e)	Inqas minn 5 % ta' kull wieħed minn merluzz, lingwata u barbun	L-ebda restrizzjoni ta' jiem (**)
Żona definita fil-punt 2:	4(a), 4(b)	Inqas minn 5 % merluzz	100 sa < 120 mm u sa 13 ≥ 120 mm sa 14
Kattegat u Baħar tat-Tramuntana	4 (ċ) tagħmir li d-daqs tax-xibka tiegħu hu daqs jew ikbar minn 220 mm	Inqas minn 5 % merluzz u iktar minn 5 % ta' barbun imperjali u *lumpfish*	Sa 15-il jum
Kattegat u Skagerrak	4(a) tagħmir b' malja kwadra ta' 120mm (***)	mhux disponibbli	12-il jum
Kanal tal-Lvant	4 (ċ) xibka għall-qbid tal-ħut ta' daqs ugwali għal jew inqas minn 110mm	Bastimenti assenti mill-port għal mhux iktar minn 24 siegħa	19-il jum

(*) Kif verifikat mill-ġurnal ta' abbord tal-KE - medja annwali ta' żbark f'piż ħaj.

(**) Il-bastimenti jistgħu jkunu preżenti fiż-żona għan-numru ta' jiem fix-xahar ikkonċernat.

(***) Bastimenti soġġetti għal din id-deroga għandhom ikunu konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 1 għal dan l-Anness."

(b) Fl-Appendiċi 1, it-tieni sentenza tal-punt 4(a) hija mibdula b' dan li ġej:

"It-tieqa għandha tiġi mdaħħla fil-panil ta' fuq"

(5) Fl-Anness IVċ, punt 6(a) huwa mibdul b'dan li ġej:

"6 (a) In-numru massimu ta' jiem fi kwalunkwe xahar kalendarju li għalihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona u assenti mill-port meta jkun ġarr abbord kwalunkwe wieħed mit-tagħmir tas-sajd imsemmi fil-punt 4 jidher fit-Tabella I.

Fejn bastiment jaqsam bejn żewġ żoni f'vjaġġ ta' sajd il-jum għandu jgħodd kontra ż-żona li fiha l-ikbar proporzjon ta' ħin ġie mqatta' tul dak il-jum.

In-numru ta' jiem li fihom bastiment huwa preżenti fiż-żona globali kkostitwita miż-żoni definiti fil-punt 2 ta' dan l-Anness u fil-punt 2 ta' l-Anness IVa m'għandux jaqbeż in-numru muri fit-Tabella 1 ta' dan l-Anness. Madankollu n-numru ta' jiem li fihom il-bastiment huwa preżenti fiż-żoni definiti fil-punt 2 ta' l-Anness IVa għandu jikkonforma man-numru massimu ffissat skond l-Anness IVa.

Tabella I — Jiem massimi preżenti fiż-żona u assenti mill-port skond it-tagħmir tas-sajd

Żona definita fil-punt 2:	Gruppi ta' tagħmir tas-sajd imsemmija fil-punt:	
	4a	4b
2. Kanal tal-Punent (ICES Diviżjoni VIIe).	20	20"

(6) Fl-Anness VI, il-Parti I hija mibdula b'dan li ġej:

"PARTI I

LIMITAZZJONIJIET KWANTITATTIVI TA' LIĊENZJI U PERMESSI TAS-SAJD GĦAL BASTIMENTI KOMUNITARJI LI QED JISTADU F'IBĦRA TA' PAJJIŻ TERZ

Żona ta' Sajd	Sajd	Numru ta' liċenzji	Qsim mill-ġdid ta' liċenzji fost Stati Membri	Numru massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe ħin
Ibħra tan-Norveġja u żona tas-sajd madwar Jan Mayen	Aringi, Tramuntana ta' 62° 00'T	75	DK: 26, DE: 5, FR: 1, IRL: 7, NL: 9, SW: 10, UK: 17	55
	Speċi li jgħixu qrib qiegħ il-baħar, Tramuntana ta' 62° 00'T	80	FR: 18, PT: 9, DE: 16, ES: 20, UK: 14, IRL: 1	50
	Kavall, Tramuntana ta' 62° 00'T, sajd bit-tantarun	11	DE: 1 (1)DK: 26 (1), FR: 2 (1), NL: 1 (1)	mhux rilevanti
	Kavall, Nofsinhar ta' 62° 00'T, sajd b'xibka tat-tkarkir	19		mhux rilevanti
	Kavall, Tramuntana ta' 62° 00'T, sajd bit-tantarun	11 (2)	DK: 11	mhux rilevanti
	Speċi industrijali, Tramuntana ta' 62° 00'T	480	DK: 450, UK: 30	150
Ibħra tal-Gżejjer Faroe	Is-sajd kollu bix-xibka tat-tkarkir b' bastimenti ta' mhux iktar minn 180 pied fiż-żona bejn 12 u 21 mil mill-linji bażi tal-Gżejjer Faroe	26	BE: 0, DE: 4, FR: 4, UK: 18	13
	Sajd dirett għall-merluzz u l-*haddock* b' malja minima ta' 135 mm, limitat għaż-żona tan-nofsinhar ta' 62° 28'T u l-lvant ta' 6° 30'P.	8 (3)		4
	Tkarkir barra l-21 mil mill-linja bażi tal-Gżejjer Faroe. Fil-perijodi mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, dawn il-bastimenti jistgħu joperaw fiż-żona bejn 61° 20'T u 62° 00'T u bejn 12 u 21 mil mill-linji bażi.	70	BE:0, DE: 10, FR: 40, UK: 20	26
	Sajd bix-xibka tat-tkarkir għal linarda b'malja minima ta' 100mm fiż-żona fin-nofsinhar ta' 61° 30'T u fil-punent ta' 9° 00'P u fiż-żona bejn 7° 00'P u 9° 00'P fin-nofsinhar ta' 60° 30'T u fiż-żona lbiċ minn linja bejn 60° 30'T, 7° 00'P u 60° 00'T, 6° 00'P.	70	DE: 8 (4), FR: 12 (4), UK: 0 (4)	20 (5)

Żona ta' Sajd	Sajd	Numru ta' liċenzji	Qsim mill-ġdid ta' liċenzji fost Stati Membri	Numru massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe ħin
	Sajd dirett bix-xibka ta' tkarkir għas-*saithe* bi malja ta' daqs minimu ta' 120mm u bil-possibbiltà li jintużaw ċingi tondi madwar il-*codend*.	70		22 (5)
	Sajd għas-stokkafixx. In-numru totali ta' liċenzji jista' jiżdied b'erba'bastimenti li jiffurmaw pari, jekk l-awtoritajiet tal-Gżejjer Faroe jintroduċu regoli speċjali ta' aċċess għal żona msejjħa ż-"żona prinċipali tas-sajd ta' stokkafixx"	34	DE: 3, DK: 19, FR: 2, UK: 5, NL: 5	20
	Sajd bil-lenza	10	UK: 10	6
	Sajd għall-kavall	12	DK: 12	12
	Sajd għall-aringi fit-tramuntana ta' 62°T	21	DE: 1, DK: 7, FR: 0, UK: 5, IRL: 2, NL: 3, SW: 3	21
Islanda	Is-sajd kollu	18		5
Ibħra tal-Federazzjoni Russa	Is-sajd kollu	pm		pm
	Sajd għall-merluzz	7 (6)		pm
	Sajd għas-sardina ħadra	pm		pm'

(1) Din l-allokazzjoni hija valida għas-sajd bit-tantarun u bix-xibka tat-tkarkir.

(2) Għandu jiġi magħżul minn 11-il liċenzja għas-sajd bit-tantarun għal kavall Tramuntana ta' 62° 00'N.

(3) Wara r-Rekord Miftiehem ta' l-1999, iċ-ċifri għas-Sajd dirett għall-merluzz u l-*haddock* huma nklużi fiċ-ċifri għal 'Is-sajd bix-xibka kollu b'bastimenti ta' mhux iktar minn 180 pied fiż- żona bejn 12 u 21 mil mill-linji bażi tal-Gżejjer Faroe'.

(4) Dawn iċ-ċifri jirreferu għan-numru massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe ħin.

(5) Dawn iċ-ċifri huma inklużi fiċ-ċifri għal 'Tkarkir barra l-21 mil mill-linji bażi tal-Gżejjer Faroe.'

(6) Japplika biss għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Latvja."

ANNESS II

Parti 2 ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nu 2270/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Kelb il-Baħar tal-Fond fiż-żona X (ibħra Komunutarji u ibħra internazzjonali) hija mibdula b'dan li ġej:

"Speċi:	Kelb il-Baħar tal-Fond	Żona:	X (ibħra Komunitarji u ibħra nazzjonali)
Portugall	120	(1) Esklussivament għal qabdiet aċċessorji. L-ebda sajd dirett m'hu permess taħt din il-kwota."	
KE (1)	120		

(2) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi *roundnose grenadier* fiż-żona Vb, VI, VII (ibħra Komunutarji u ibħra internazzjonali) hija sostitwit b'dan li ġej:

"Speċi:	Roundnose grenadier *Coryphaenoides rupestris*	Żona:	Vb, VI, VII (ibħra Komunitarji u ibħra nazzjonali)
Ġermanja	10	(1) Esklussivament għal qabdiet aċċessorji. L-ebda sajd dirett m'hu permessa taħt din il-kwota."	
Estonja	77		
Spanja	85		
Franza	4 327		
Irlanda	341		
Litwanja	99		
Polonja	50		
Renju Unit	254		
Oħrajn (1)	10		
KE	5 253		